**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 15 ta' Novembru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 61/2019 AF**

**Pietro Seminara**

**vs**

**Avukat Generali**

**u**

**Kenneth Gauci ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur Pietro Seminara, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

L-esponenti u l-mibkija Anmarie Gauci kienu f'relazzjoni sakemm l-imsemmija Gauci ġiet nieqsa fis-16 ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016).[1] Fit-testment tal-istess Gauci, l-esponenti ġie nnominat bħala unika eredi tat-testatriċi.[2]

Qabel ma bdiet ir-relazzjoni tagħha mal-esponenti, Anmarie Gauci kienet miżżewġa mal-intimat Kenneth Gauci. Iż-żwieġ kattoliku ta' bejniethom, li kien ġie ċċelebrat fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju elf, disa' mija u tmienja u disgħin (1998) kien ġie dikjarat null mit-Tribunal Metropolitan permezz tad-deċiżjoni datata disgħa u għoxrin (29) t'Awissu elfejn u erbatax (2014)[3], li kienet ġiet ikkonfermata fl-appell permezz tas-sentenza datata ħamsa (5) t'Awwissu elfejn u ħmistax (2015).[4]

Fid-deċiżjoni ta' annullament ta' żwieġ imsemmija, it-Tribunal Metropolitan kien ikkonkluda illi t-tort tan-nullità ta' żwieġ ta' bejn Anmarie Gauci u Kenneth Gauci kien unikament ta' Kenneth Gauci, tant illi kemm in prim'istanza u kemm fl-appell, it-Tribunal Metropolitan impona l-*vetitum* fuq Kenneth Gauci, li għalhekk ġie projbit milli jerġa' jikkontratta żwieġ kattoliku ieħor.

Sfortunatament, Anmarie Gauci ġiet nieqsa qabel ma laħaq ġiet irreġistrata l-imsemmija deċiżjoni t'annullament tat-Tribunal Metropolitan.

Qabel ma mietet, Anmarie Gauci kienet intavolat proċeduri ta' separazzjoni kontra Kenneth Gauci, fl-ismijiet Anmarie Gauci pro et noe vs. Kenneth Gauci, (Rikors Ġuramentat nru. 98/2013), li llum il-ġurnata għadhom pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Sussegwenti għall-mewt tagħha, l-atti ta'

---

[1] *Vide ċertifikat tal-mewt ta' Anmarie Gauci (Dok. A)*

[2] *Vide testment ta' Ann Marie Gauci (Dok. B)*

[3] *Vide sentenza datata 29 t'Awissu 2014 (Dok. C).*

[4] *Vide sentenza datata 5 t'Awissu 2015 (Dok. D).*

Anmarie Gauci ġew assunti mill-esponenti, *qua* eredi tal-istess Gauci.

<u>L-isfond legali</u>:-

Skont l-Att Dwar iż-Żwieġ, u senjament skont l-Artikolu 23, deċiżjoni ta' annullament ta' żwieġ kattoliku mogħtija mit-Tribunal Metropolitan għandha tiġi rikonoxxuta mill-Istat Malti u mar-reġistrazzjoni tagħha jkollha effett daqs li kieku kienet sentenza *res judicata* mogħtija mill-Qrati Ċivili. Inoltre, skont l-Artikolu 28, il-Qorti tal-Appell hija projbita milli tidħol fil-mertu tal-każ li wassal għad-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan, u għandha s-setgħa biss li taċċerta jekk jeżistux il-ħtiġijiet rikjesti fl-istess Att sabiex tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni mitluba.

Skont l-Artikolu 20 (3) tal-Att Dwar iż-Żwieġ (Kap. 255) meta żwieġ jiġi dikjarat null, l-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li kienu jeżistu u japplikaw fir-rigward biss ta' dik il-parti li kienet *in bona fide* u l-ulied. Illi skont il-ġurisprudenza, l-interpretazzjoni li għandha tiġi mogħtija lil dan l-Artikolu hija fis-sens illi dik il-parti li kontra tagħha jiġi applikat l-Artikolu 20(3) titlef il-benefiċċji kollha ta' dak kollu li sar bil-ħila tal-parti l-oħra.

Għalhekk, l-applikazzjoni *o meno* ta' dan l-artikolu fis-sentenza ta' separazzjoni għandha import patrimonjali sostanzjali, u l-esponenti, bħala eredi ta' Anmarie Gauci għandu interess li jara li dan l-artikolu jiġi applikat kontra l-intimat Kenneth Gauci.

Galadarba ai termini tal-Artikolu 23 u 28 tal-Att Dwar iż-Żwieġ, deċiżjoni t'annullament tat-Tribunal Metropolitan għandha l-istess effett ta' sentenza mogħtija mill-qrati ċivili mar-reġistrazzjoni tagħha skont il-liġi, u ġaladarba Kenneth Gauci instab unikament responsabbli għan-nullità ta' żwieġ, hemm lok illi fil-kawża ta' separazzjoni ta' bejn Anmarie Gauci u Kenneth Gauci, jiġi applikat l-Artikolu 20(3) tal-Att Dwar iż-Żwieġ jekk id-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan tiġi rreġistrata skont il-liġi.

Però, skont l-Artikolu 24 (2) tal-Att Dwar iż-Żwieġ, l-uniċi persuni li jistgħu jitolbu r-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni t'annullament tat-Tribunal Metropolitan huma r-raġel u l-mara, flimkien jew waħedhom. Fil-liġi ma ssir l-ebda eċċezzjoni li

tippermetti li t-talba għar-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan tiġi magħmula mill-eredi tal-partijiet, jekk dawn ikunu laħqu mietu qabel ma ġiet irreġistrata d-deċiżjoni. Illi għalhekk, l-esponenti huwa *ex legis* prekluż milli jitlob ir-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan, u per konsegwenza għalhekk mhuwiex ser ikun possibli li jiġi applikat l-Artikolu 20 (3) tal-Att Dwar iż-Żwieġ kontra Kenneth Gauci. Minn dan isegwi illi Kenneth Gauci ser ikun jista' jgawdi inġustament mill-akkrexximent tal-komunjoni tal-akkwisti, sempliċement għaliex Anmarie Gauci ma laħqitx irreġistrat id-deċiżjoni t'annullament qabel ma mietet, u naturalment huwa m'għandu l-ebda interess li jirreġistra din id-deċiżjoni.

Rigward il-mertu ta' din l-azzjoni:-

**Ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali (Konvenzjoni Ewropeja):-**

Kif ġie stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet **Golder v. The United Kingdom,** id-dritt t'aċċess għall-qorti huwa prinċipju fundamentali tas-saltna tad-dritt.[5] Għalhekk, l-Istat għandu l-obbligu li jassigura illi kull persuna li għandha pretensjoni relatata ma' dritt jew obbligu ċivili jkollha rimedju ġudizzjarju effettiv sabiex ikun possibli għal tali persuna li tafferma d-dritt tagħha.

L-esponenti umilment jissottometti illi huwa ċar li l-Istat qiegħed jonqos minn dan l-obbligu tiegħu. Ir-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan ikollha impatt fondamentali fuq l-aspett patrimonjali tas-sentenza ta' separazzjoni bejn Anmarie u Kenneth Gauci, peress illi l-effett ta' tali reġistrazzjoni jkun li jipprekludi lil Kenneth Gauci milli jibbenefika minn dak akkwistat waqt iż-żwieġ bis-saħħa tal-ħidma ta' Anmarie Gauci, u dan sa mill-bidu taż-żwieġ tagħhom. Illi però, kif ingħad aktar il-fuq, id-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan ma laħqitx ġiet irreġistrata minn Anmarie Gauci, li sfortunatament mietet xi xhur wara li ngħatat din id-deċiżjoni. Illi wara l-mewt tagħha, l-unika persuna li skont il-liġi tista' titlob ir-reġistrazzjoni ta' din id-

[5] *ECHR 4451/70 (21 ta' Frar 1975) par. 28-36.*

deċiżjoni huwa l-intimat Gauci, li naturalment m'għandu l-ebda interess li jikseb ir-reġistrazzjoni ta' din id-deċiżjoni.

Minn naħa tiegħu, l-esponenti għandu interess illi din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata u li jiġi applikat l-Artikolu 20(3) kontra l-intimat. Dan għaliex, bħala eredi ta' Anmarie Gauci, huwa ser jibbenefika direttament mill-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti li ser talvolta tiġi assenjata lilha fis-sentenza ta' separazzjoni. Naturalment, l-applikazzjoni tal-Artikolu 20(3) kontra l-intimat Gauci tkun tfisser illi l-porzjon li tiġi assenjata lil Anmarie Gauci tkun ferm akbar milli kieku l-komunjoni tal-akkwisti kellha tiġi diviża f'ishma ugwali bejn Anmarie u Kenneth Gauci. Illi però, meta għamel talba għar-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni imsemmija, din it-talba ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Appell[6] peress illi skont il-liġi huma biss il-partijiet għall-proċeduri t'annullament li jistgħu jitolbu ir-reġistrazzjoni ta' deċiżjoni ta' annullament tat-Tribunal Metropolitan. Dan ifisser illi l-esponenti qiegħed jiġi inġustament u arbitrarjament mċaħħad minn aċċess għal Qorti, sabiex ikun jista' jafferma d-drittijiet ċivili tiegħu fir-rigward tal-patrimonju ta' Anmarie Gauci, li tagħha huwa eredi.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jippremetti illi l-Artikolu 24 (2) tal-Att Dwar iż-Żwieġ huwa leviż tad-dritt tiegħu t'aċċess għall-qorti, kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni:-**

Kif ġie spjegat aktar il-fuq, l-esponenti huwa l-eredi universali ta' Anmarie Gauci, u wara l-mewt tagħha assuma l-atti tal-kawża ta' separazzjoni kontra Kenneth Gauci. Illi għalhekk, bħala eredi ta' Anmarie Gauci, dik il-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti li l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) serja talvolta tassenja lil Anmarie Gauci ser tkun dovuta lilu. Illi l-effett tar-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan huwa illi din iġġib magħha l-applikazzjoni tal-Artikolu 20 (3) tal-Att Dwar iż-Żwieġ kontra l-intimat Gauci. B'hekk il-porzjon ta' Anmarie Gauci mill-komunjoni tal-akkwisti tkun akbar milli kieku l-komunjoni kellha

---

[6] *Vide sentenza tal-Qorti tal-Appell, datata 4 ta' Jannar 2018, Dok. E*

tinqasam f'żewġ porzjonijiet ugwali. Għaldaqstant, il-fatt illi l-esponenti qiegħed jiġi prekluż milli jirreġistra d-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan jammonta għall-interferenza tad-dritt tiegħu għall-proprjetà.

Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin u tal-Qorti ta' Strasbourg, kwalunkwe interferenza fid-dritt għat-tgawdija tal-proprjetà tal-individwu trid tkun (1) skont il-liġi (2) fl-interess pubbliku u (3) il-miżura trid tkun proporzjonali għall-għan li jkun irid jikseb l-Istat.

L-esponenti umilment jippremetti però illi l-liġi li tipprekludih milli jirreġistra d-deċiżjoni t'annullament tat-Tribunal Metropolitan mogħtija bejn Anmarie Gauci u Kenneth Gauci, mhijiex fl-interess pubbliku. L-esponenti bir-rispett ma jista' jimmaġina l-ebda raġuni għalfejn jista' jkun kontra l-interess pubbliku li l-eredi ta' persuna jingħataw il-possibilità illi jirreġistraw deċiżjoni t'annullament ta' żwieġ kattoliku.

Inoltre u fi kwalunkwe każ din l-interferenza mhux biss mhijiex neċessarja fi stat demokratiku iżda lanqas hija proporzjonali. Bir-rispett, huwa assurd illi l-esponenti, *qua* eredi ta' Anmarie Gauci, daħal fiż-żarbun legali tagħha, assuma r-responsabbilità sħiħa għal kwalunkwe dejn li jista' jkollha, inkluż dejn tal-komunjoni tal-akkwisti, iżda qed jiġi privat mill-possibilità illi jafferma d-dritt ċivili tiegħu għas-sehem sħiħ tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet viġenti bejnha u bejn Kenneth Gauci, u ċioè is-sehem sħiħ ta' dak kollha li ġie akkwistat bil-ħila tagħha, b'applikazzjoni tal-Artikolu 20 (3) tal-Att Dwar iż-Żwieġ.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-Artikolu 24 (2) tal-Att Dwar iż-Żwieġ huwa leżiv tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq hekk kif sanċit permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

2. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-Artikolu 24 (2) tal-Att Dwar iż-Żwieġ huwa leżiv tad-dritt tiegħu għall-proprjetà, hekk kif sanċit permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.

3. Tagħti dawk ir-rimedji u l-ordnijiet kollha illi fil-ferm superjuri ġudizzju tagħha tħoss illi huma xierqa sabiex jirrimedjaw il-ksur tad-drittijiet fondamentali sofferti mill-esponenti, inkluż billi tawtorizza lill-esponenti jirreġistra d-deċiżjoni t'annullament tat-Tribunal Metropolitan tal-5 t'Awissu 2015, jew billi tillikwida l-kumpens li għandu jkun dovut lilu għal tali ksur, u tordna lil Avukat Ġenerali sabiex iħallas lill-esponenti l-kumpens kif likwidat minnha.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-konvenut Avukat tal-Istat li permezz taghha eċċepixxa illi:

Ir-rikorrent ma jistax jinqeda bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea biex jattakka l-artikolu 24(2) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.  L-artikoli li jharsu l-jedd ghal smigh xieraq jghoddu biss fejn ikun hemm jedd jew obbligazzjoni li jkun maghruf fil-ligi.  Il-jedd ghall-access ghall-Qorti, li huwa wiehed mill-elementi ta' smigh xieraq, japplika biss meta parti jkollha pretensjoni li hija mharsa bil-ligi, b'dana li jekk dik il-pretensjoni mhijiex imharsa bil-ligi domestika allura l-ebda access gudizzjarju ma huwa dovut.

Fi kliem iehor, il-jedd ghall-access gudizzjarju ma jistax jigi mqanqal biex jigu mahluqa drittijiet civili godda jew differenti minn dawk li huma moghtija fil-ligi domestika.  Il-garanziji processwali moghtija bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, inkluz dak marbut mal-access ghall-qorti, jidhlu biss jekk kemm il-darba d-drittijiet civili msemmija fl-artikolu 24(2) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta jkunu gew imxekkla.

Li kieku ma jkunx hekk, ic-certezza legali tingieb fix-xejn, ghaliex kull persuna, taht il-pretest li m'ghandhiex jedd ghall-access ghall-qorti, tista' titlob li jinbidlu jew jitnehhew ligijiet sabiex dawn jigu jirriflettu dak li tkun tixtieq dik il-persuna.

Wara kollox, biex jinghad li hemm access ghal qorti mhuwiex mehtieg li dik il-qorti ma tkun marbuta b'ebda ligi fid-decizjonijiet taghha jew li trid tkun marbuta b'ligi li bilfors taghti ragun lill-parti li tressaq azzjoni jew talba quddiemha.

Sewwasew fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent Pietro Seminara m'ghandu l-ebda jedd fil-ligi civili taht l-artikolu 24(2) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, kif anke mtenni mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni tal-4 ta' Jannar 2018, biex jitlob li jirregistra l-annullament taz-zwieg kattoliku bejn Ann Marie Gauci nèie Fleri Soler u Kenneth Gauci.  Ladarba ghalhekk Pietro Seminara m'ghandu l-ebda jedd civili x'jithares, huwa ma jistax isejjah favur id-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, li jghoddu biss meta fid-diskussjoni jkun hemm jizfnu fin-nofs il-jeddijiet civili tal-individwu.

Ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti li l-artikolu 24(2) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta qieghed jikser il-jedd tieghu ghal smiegh xieraq mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

It-tieni talba tar-rikorrent sa fejn mibnija fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta wkoll ma tistax tintlaqa'.  Dan ghaliex f'dan il-kaz, bit-thaddim tal-artikolu 24(2) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Istat Malti ma kiseb jew ha l-ebda pussess ta' xi gid li huwa tar-rikorrent.

F'kull kaz, anke jekk ghall-gieh tal-argument biss kellu jinghad li l-Istat Malti ha f'idejh il-pussess ta' xi hwejjeg tar-rikorrent, huwa xorta wahda ma jistax jistrieh fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba li l-Qorti tal-Appell cahditlu t-talba tieghu taht l-artikolu 24(2) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.  Skond l-artikolu 37(2)(h) tal-Kostituzzjoni, ebda haga f'dan l-artikolu m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà, li ssehh fil-kuntest ta' ezekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet tal-Qorti.

Fil-kuntest tat-tieni talba tieghu, r-rikorrent ukoll ma jistax jargumenta li l-artikolu 24(2) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta qieghed b'xi mod ifixklu fil-jedd tieghu ghat-tgawdija ta' gidu, bi

ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ibda biex mir-rikors kostituzzjonali tieghu ma jinftehimx x'inhuwa dak l-oggett partikolari, li skont hu mhuwiex qieghed jithalla jgawdi.

Ir-rikorrent lanqas ma jista' jghid li huwa ghandu xi possediment skond l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, fis-sura ta' xi pretensjoni jew stennija legali ta' jedd akbar fuq il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn l-imharrek Kenneth Gauci u l-mejta Ann Marie Gauci nèe Fleri Soler, minhabba li Kenneth Gauci allegatament dahal fiz-zwieg b'rieda hazina. Dan hu hekk, ghas-semplici raguni li l-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tal-4 ta' Jannar 2018, ga tenniet li r-rikorrent Pietro Seminara m'ghandux legittimazzjoni attiva f'dan is-sens skond il-ligi.

Lil hemm minn dan, l-esponent qajla jista' jifhem kif ir-rikorrent jista' qatt jargumenta b'success li Kenneth Gauci zzewweg in mala fede u li ghalhekk jghoddu ghalih is-sanzjonijiet imsemmija fl-artikolu 20(3) tal-Att dwar is-Zwieg. Dan l-aktar meta jirrizulta li t-Tribunal Metropolitan tal-Ewwel Istanza u t-Tribunal Regjunali tat-Tieni Stanza, sabu li z-zwieg ma jiswiex mhux minhabba xi qerq jew simulazzjoni fil-kunsens matrimonjali ta' Kenneth Gauci izda minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u ta' hila f'Kenneth Gauci biex jidhol fiz-zwieg. Bil-hniena ghandu ghalfejn jinghad, in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju f'Kenneth Gauci bilfors jeskludi l-mala fede u r-rieda hazina.

Terga' u tghid, jekk kulma jrid ir-rikorrent huwa li jkabbar il-possibilitajiet tieghu li jiehu sehem ikbar mill-komunjoni tal-akkwistu ta' bejn Kenneth Gauci u Ann Marie Gauci, huwa m'ghandux ghalfejn idur ghar-registrazzjoni tal-annullament taz-zwieg kattoliku skond l-artikolu 24 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Meqjus li skond kif mistqarr mir-rikorrent stess fir-rikors fir-rikors kostituzzjonali tieghu, huwa jinsab bhala parti fil-proceduri gudizzjarji dwar il-firda personali u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn Ann Marie Gauci u Kenneth Gauci, allura huwa ghandu jedd li jitlob li Kenneth Gauci jbati s-sanzjonijiet imsemmija fl-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, bit-thaddim tal-artikoli 51 u 52 tal-istess Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kull kaz, ir-rikorrent mhux siewi li jghid li huwa qed ibati ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk it-tieni talba tieghu ghandha tigi michuda minn kull aspett taghha.

L-esponent jaghlaq billi jghid li t-tielet talba ghall-ghoti ta' rimedju wkoll ma tistax tintlaqa' galadarba r-rikorrent ma bata l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbi Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut Kenneth Gauci li permezz taghha eccepixxa illi:

Preliminarjament, l-esponenti ma huwiex il-leġittimu kontradittur għal dak li jirrigwarda l-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Huwa l-Istat u mhux l-esponenti li għandu jwieġeb għal din l-allegazzjoni, u dan peress li l-Liġi li qegħda tiġi attakkata saret mill-Istat u mhux mill-esponenti.

Mingħajr preġudizzju għall-premess, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jistgħux jiġu nvokati mir-rikorrenti f'dan il-każ stante illi d-dritt ta' aċċess għall-qorti ma kienx tar-rikorrenti, iżda *se mai* l-jedd li tressaq it-talba kontemplata fis-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 255 kien jappartjeni lid-defunta Anne Marie Gauci. Fl-ordinament ġuridiku tagħna, mhuwiex biżżejjed illi r-rikorrenti jallega l-interess patrimonjali illi r-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan tista' toħloqlu, u dan għaliex l-interess ġuridiku tar-rikorrenti huwa nieqes mill-elementi l-oħra li jsawwru dan l-istitut, fosthom billi dan l-interess la huwa personali għalih u lanqas huwa wieħed attwali. Dan qed jingħad stante illi kif korrettement ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tal-4 ta' Jannar, 2018 (Dok. E mar-Rikors Kostituzzjonali), il-jedd li jressaq it-talba kontemplata fis-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 255 jappartjeni lill-miżżewġin u mhux lir-rikorrenti, u għalhekk ir-rikorrenti fil-

kwalità tiegħu ta' werriet ta' Anne Marie Gauci, ma għandu ebda jedd x'jiġi mħares u per konsegwenza dan l-Artikolu ma jilledi ebda dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

Il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni suriferita rriteniet illi mhuwiex biss is-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 255 li jipprovdi li t-talba għal annullament taż-żwieġ tirrapreżenta dritt personali spettanti lill-miżżewġin, stante illi anke s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 19 tal-istess Kapitolu jiddisponi illi "*azzjoni għall-annullament ta' żwieġ tista' tinbeda biss minn waħda mill-partijiet f'dak iż-żwieġ*". Id-diċitura ta' dawn l-artikoli tikkonferma l-intenzjoni tal-leġislatur li t-talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' żwieġ ma tistgħax tinbeda minn terzi, u għalhekk lanqas mill-werrieta ta' xi wieħed mill-miżżewġin bħal ma huwa r-rikorrenti.

Kif huwa risaput, l-Istat għandu l-jedd li jgħaddi dawk il-Liġijiet li jidhirlu xierqa, u l-għan tal-leġislatur f'din l-isfera ta' l-istituzzjoni taż-żwieġ huwa proprju li jassikura ċ-ċertezza tad-dritt u biex jiġu protetti l-interessi tal-familja inkluż dawk supremi tal-ulied. Żgur għalhekk li l-Istat ma jistgħax jitqies li qiegħed jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti meta fis-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 255 jipprovdi li talba għar-rikonoxximent u reġistrazzjoni ta' deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tista' ssir biss mill-miżżewġin. Ir-rikorrenti ma jistax bil-għan li jakkwista xi tip ta' benefiċċju patrimonjali jinvoka l-ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jew id-dritt tiegħu għall-proprjetà. Li kieku r-raġunament tar-rikorrenti kellu mis-sewwa, b'analoġija dan ikun ifisser li l-werrieta tal-partijiet fiż-żwieġ ikunu jistgħu jibdew azzjoni għall-annullament ta' żwieġ anke wara l-mewt tal-konjuġi fuq il-premessa illi f'każ ta' eventwali sentenza favorevoli jkunu jistgħu jakkwistaw xi porzjon akbar mill-komunjoni tal-akkwisti. Bid-dovut rispett din l-interpretazzjoni tmur kontra l-konsistenza u ċ-ċertezza tal-Liġi illi għandhom jiġu salvagwardati minn din il-Qorti sabiex tiġi mħarsa s-saltna tad-dritt u l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem.

Inoltre, in kwantu għall-fatt li t-talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja,

jiġi rilevat li ma hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu stante illi s-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 255 bl-ebda mod ma jipprevedi la d-deprivazzjoni parzjali tal-proprjetà u wisq anqas dik totali.

Inoltre, ir-rikorrenti qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi huwa qiegħed jadopera proċedura straordinarja quddiem din il-Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha meta għad hemm kawża ta' separazzjoni pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet *Anmarie Gauci et noe vs Kenneth Gauci* (Rik. Ġur. Nru. 98/2013/AL), fejn ir-rikorrenti assuma l-atti tal-kawża bħala eredi tad-defunta Anne Marie Gauci u fejn fost l-oħrajn, qiegħed jintalab illi jiġu applikati fil-konfront tal-esponenti d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u kwindi jkun jispetta lil dik il-Qorti illi teżamina l-provi dwar is-separazzjoni, u tasal għall-ħtija għall-istess, biex imbagħad tiddetermina jekk dik il-ħtija hijiex tali li tattira l-applikazzjoni tal-Artikoli msemmija. Isegwi għalhekk illi għad hemm għad-disposizzjoni tar-rikorrenti rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretizi minnu.

Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan tad-29 ta' Awwissu, 2014 (Dok C mar-Rikors Kostituzzjonali) bl-ebda mod ma tghid li *"waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide"* kif previst fis-subartikolu 3 ta' l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 255 invokat mir-rikorrenti. Dak li tgħid din id-deċiżjoni hu illi kien hemm da parti tal-esponenti nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u nuqqas li jassumi l-obbligazzjonijiet taż-żwieġ, fatt dan li awtomatikament jeskludi il-*mala fide*. Għaldaqstant, qatt ma jista' jkun hemm l-eżitu mixtieq mir-rikorrent permezz ta' dawn il-proċeduri stante illi l-Artikolu 20(3) tal-Att dwar iż-Żwieġ mhuwiex applikappli għal każ odjern.

Għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attur u dik tal-konvenut Avukat tal-Istat.

Rat illi minkejja l-fakoltà konċessa lilu, l-konvenut Kenneth Gauci baqa' ma ppreżentax nota ta' sottomissjonijet finali.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm kollha f'din il-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed primarjament ifittex illi jikseb dikjarazzjoni li ġew leżi d-drittjiet tiegħu kif dawn jinsabu mħarsa ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni liema dispożizzjonijiet jikkontemplaw u jħarsu l-jedd għal smiegħ xieraq, kif ukoll id-drittijiet tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà kif dan huwa mħares ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Għall-aħjar intendiment dan l-ilment għandu qabel xejn jiġi mpoġġi fil-kuntest tal-lanjanza tal-attur.

L-attur huwa s-sieħeb tad-defunta Anmarie Gauci. Anmarie Gauci u l-konvenut Kenneth Gauci żżewwġu fit-22 ta' Mejju 1998 u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. Ir-relazzjoni ta' bejn il-konjuġi Gauci inkisret tant illi dawn isseparaw *de facto* snin twal ilu. Il-kawża ta' separazzjoni jidher illi sal-lum għada pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sede tal-Familja). Intant, l-attur u Anmarie Gauci bdew relazzjoni intima bejniethom f'Diċembru 2011 u minn din l-unjoni kellhom wild illi twieled fit-13 ta' Jannar 2015.

Iż-żwieġ ta' bejn il-konjuġi Gauci ġie ddikjarat null mit-Tribunal Metropolitan b'sentenza tad-29 ta' Awwissu 2014 liema sentenza ġiet konfermata fit-tieni istanza fil-5 ta' Awwissu 2015.

Fit-3 ta' Lulju 2015 Anmarie Gauci ġiet dijanjostikata lilha lewċemija. Din il-marda kienet waħda fulminanti tant illi minkejja l-kura li ngħatat *sia* lokalment kif ukoll barra minn Malta, hija ġiet nieqsa fis-16 ta' Frar 2016.

L-attur jisħaq illi għar-raġuni li Anmarie Gauci kienet milquta b'marda serja li kif ċertifikat mill-onkologu kuranti tagħha, kienet tali li żammitha għal ħafna żmien rikoverata l-isptar, hija ma laħqitx talbet għar-reġistrazzjoni tal-annullament fil-Qorti Ċivili minkejja li dan kien il-ħsieb tagħha.

Sussegwenti għall-mewt t'Anne Marie Gauci, sar magħruf illi b'testment tal-15 ta' Lulju 2015 hija nnominat u istitwiet lill-attur Pietro Seminara bħala l-eredi universali u padrun assolut tal-ġid kollu tagħha preżenti u futur.

La darba nfetaħ it-testment u saret magħrufa l-intenzjoni tat-testatriċi, fil-kapaċità tiegħu ta' eredi universali, l-attur intavola rikors datat 28 ta' Ġunju 2017 permezz ta' liema huwa talab lill-Qorti tal-Appell tiddikjara s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta kif konfermata fit-tieni istanza bħala waħda eżegwibbli f'Malta, kif ukoll tordna ir-reġistrazzjoni tan-nullità taż-żwieġ bejn Anmarie u Kenneth Gauci.

Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-Qorti tal-Appell xtarret is-sinifikat u l-implikazzjonijiet tal-Artikoli 23 u 24 tal-Att Dwar iż-Żwieġ, Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat illi t-talba għar-reġistrazzjoni tal-annullament kienet saret minn Pietro Seminara li mhuwiex parti miż-żwieġ in kwistjoni. Il-Qorti osservat illi ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap. 255 talba bħal dik tista' titressaq biss minn parti fiż-żwieġ u minn ħadd aktar. Konklużjoni din li fil-fehma tal-Qorti tal-Appell toħroġ mhux biss mid-diċitura tal-Artikolu 24(2) iżda wkoll mill-artikolu 19(2) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 27 japplika wkoll f'każ ta' talba għar-reġistrazzjoni ta' annullament taż-żwieġ. Il-Qorti kompliet tosserva illi hekk kif il-ħsieb wara l-Artikolu 19 huwa illi azzjoni għall-annullament taż-żwieġ tista' tinbeda biss mill-konjuġi, dan l-istess kritejru għandu japplika wkoll fil-kuntest tat-talba li ssir ai termini tal-Artikolu 24. Żiedet tosserva illi tant l-intenzjoni tal-leġislatur kienet dik illi in materia ta' annullament taż-żwieġ tħalli l-għażla tal-ftuħ tal-proċeduri esklussivament f'idejn il-konjuġi, li

saħansitra l-Artikolu 19(2) tal-Kap. 255 jipprovdi li konjuġi li altrimenti jitqies bħala li afflitt minn inkapaċità legali, huwa meqjus bħala kapaċi illi jibda proċeduri ta' annullament taż-żwieġ. Il-Qorti għalhekk kompliet tgħid illi tant in-natura taż-żwieġ hija waħda personali li għaldaqstant id-disposizzjonijiet relattivi jeħtieġ illi jingħataw interpretazzjoni restrittiva. Kompliet tgħid ukoll illi fejn il-leġislatur ried jipprovdi dwar il-werrieta u l-kapaċità tagħhom li jassumu l-atti, il-leġislatur ipprovda dan espressament. Fil-fatt, in tema ta' żwieġ il-werrieta għandhom biss il-kapaċità li joqgħodu f'kawża t'annullament taż-żwieġ li tkun diġà mibdija. Dan ifisser illi l-werrieta jistgħu biss ikomplu l-azzjoni għall-annullament taż-żwieġ u mhux jibdewha. Għalhekk il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tal-attur.

Aggravat minn din id-deċiżjoni, l-attur qiegħed jilmenta minn leżjoni tad-drittijiet tiegħu kif fuq ingħad. In kwantu d-dritt għal smigħ xieraq huwa jargumenta li l-preklużjoni milli bħala werriet jitlob ir-reġistrazzjoni tal-annullament taż-żwieġ ta' Anne Marie Gauci qegħda ċċaħħdu minn dritt t'aċċess għall-Qorti. Jilmenta wkoll illi bil-fatt tan-nuqqas ta' reġistrazzjoni tas-sentenza tat-Tribunal Metroplitan, huwa *qua* werriet ma jistax jitlob l-imposizzjoni tas-sanzjonijiet maħsuba taħt l-Artikolu 20(3) tal-Kap 255 fil-konfront ta' Kenneth Gauci. Jgħid għalhekk illi konsegwenza ta' dan, Kenneth Gauci sejjer jibbenefika inġustament mill-akkrexximent tal-komunjoni tal-akkwisti. Fi ftit kliem l-ilment tal-attur ai termini tad-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni huwa fis-sens li jekk ma jiġux applikati s-sanzjonijiet fil-konfront ta' Kenneth Gauci, il-porzjon li sejra tiġi assenjata lil Seminara *qua* werriet universali ta' Anne Marie Gauci sejra tkun anqas minn li kieku Kenneth Gauci isofri tnaqqis fil-kwota spettanti lilu bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet maħsuba taħt l-Artikolu 20(3) tal-Kap. 255.

Il-konvenut Gauci ressaq xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fosthom illi mhuwiex leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi u li l-attur m'għandux interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri għaliex mhuwiex parti miż-żwieġ. Madankollu, il-Qorti tosserva illi l-konvenut naqas pależement milli jittratta dawn l-eċċezzjonijiet u apparti li ma ressaqx provi f'dan ir-rigward lanqas ressaq nota

ta' sottomissjonijiet finali. Tqis għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet bħala rinunzjati anki għaliex meta saret it-trattazzjoni finali hawn ukoll il-konvenut ikkonċentra espliċitament fuq il-mertu tal-kawża mingħajr l-iċken aċċenn għall-eċċezzjonijiet preliminari minnu sollevati.

Għalhekk, il-Qorti qegħda tgħaddi minnufih sabiex tittratta l-mertu tal-vertenza.

**L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

Dik il-parti tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li ssib relevanza għall-każ ta' llum taqra hekk:

> *(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jewobbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persunaquddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*

Mentri, in kwantu l-applikzzjoni tal-Artikolu 6 għall-każ ta' llum, għandu japplika l-ewwel sub-inċiż illi jaqra hekk:

> *1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

Il-ġurisprudenza rigwardanti d-dritt għal-smigħ xieraq hija vasta u ben definita. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

kellha diversi opportunitajiet teżamina din id-dispożizzjoni u tanalizza kull element li jsawwar il-ħarsien ta' dan il-jedd. Fi ftit kliem, l-Artikolu 6 jsib applikazzjoni fejn hemm kontestazzjoni liema kontestazzjoni trid tkun abbinata ma' dritt rikonoxxut taħt il-liġi domestika. Fil-kuntest tal-invokazzjoni tal-artikolu 6 l-azzjoni legali hija meħtieġa li tkun waħda deċiżiva għad-dritt reklamat b'tant illi din id-diposizzjoni ma tistax tiġi nvokata fejn teżisti biss possibilita' ta' kontestazzjoni ta' dritt.

Fil-Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trial (civil limb)[7] jingħad hekk dwar l-eżistenza ta' dritt fil-liġi domestika:

> *"12. The substantive right relied on by the applicant in the national courts must have a legal basis in the State concerned (Károly Nagy v. Hungary [GC], §§ 60-61; Roche v. the United Kingdom [GC], § 119; Boulois v. Luxembourg [GC], § 91). In order to decide whether the "right" in question really has a basis in domestic law, the starting-point must be the provisions of the relevant domestic law and their interpretation by the domestic courts (Al-Dulimi and Montana Management Inc. v. Switzerland [GC], § 97). It is primarily for the national authorities, in particular the courts, to resolve problems of interpretation of domestic legislation. The Court's role is limited to verifying whether the effects of such interpretation are compatible with the Convention. That being so, save in the event of evident arbitrariness, it is not for the Court to question the interpretation of the domestic law by the national courts. Thus, where the superior national courts have analysed the precise nature of the impugned restriction in a comprehensive and convincing manner, on the basis of the relevant Convention case-law and principles drawn therefrom, the Court would need strong reasons to depart from the conclusion reached by those courts by substituting its own views for theirs on a question of interpretation of domestic law and by finding, contrary to their view, that there was arguably a right recognised by domestic law (Károly Nagy v. Hungary [GC], §§ 60 and 62).*

[7] European Court of Human Rights, pubblikazzjoni kif emedata fil-31 t'Awwissu 2022

*13. Finally, it is the right as asserted by the claimant in the domestic proceedings that must be taken into account in order to assess whether Article 6 § 1 is applicable (Stichting Mothers of Srebrenica and Others v. the Netherlands (dec.), § 120). Where, at the outset of the proceedings, there was a genuine and serious dispute about the existence of such a right, the fact that the domestic courts concluded that the right did not exist does not retrospectively deprive the applicant's complaint of its arguability (Z and Others v. the United Kingdom [GC], § 89; compare and contrast with Károly Nagy v. Hungary [GC], §§ 75-76), including where the domestic courts were called upon to decide for the first time on the issue in question (Markovic and Others v. Italy [GC], §§ 100-02)."*

Il-bran appena ċitat, li jagħmel ampja referenza għall-ġurisprudenza, jitkellem dwar dritt sostantiv li jkollu bażi fil-liġi domestika. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, l-attur qiegħed jinvoka dritt *qua* eredi universali. Jgħid illi bħala tali, la darba l-liġi ppermettietlu li jassumi l-atti tal-kawża ta' separazzjoni fit-tajjeb u fil-ħażin fis-sens li anki jassumi djun jekk jirriżultaw, jgħid għalhekk illi allura għandu dritt jitlob ir-reġistrazzjoni tal-annullament biex abbażi ta' dik ir-reġistrazzjoni jkollu l-jedd jinvoka l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet ravviżati taħt l-Artikolu 20(3) tal-Att taż-Żwieġ fil-konfront tal-konvenut.

Jidher però illi meta ressaq dan l-argument għall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti kif adita, l-attur naqas, milli jieħu kont ta' diversi fatturi fosthom:

i. Fl-ewwel lok l-attur daħal fiż-żarbun tad-decujus fil-kawża ta' separazzjoni bejn id-defunta Anne Maria Gauci u Kenneth Gauci. Mir-riċerka li għamlet din il-Qorti jidher illi dik il-kawża hija differita għas-sentenza. Mhuwiex magħruf x'ġara fil-kuntest ta' dik il-kawża għaliex l-attur ma ressaq ebda dokumentazzjoni li turi jekk l-attur odjern ressaqx xi talbiet f'dik il-kawża u jekk iva x'kienu tali talbiet.

Għad illi s-sanzjonijiet riflessi taħt l-Artikolu 20 tal-Kap. 255 isibu applikazzjoni f'kuntest fejn iż-żwieġ ġie annullat, fl-istess waqt il-Qorti tfakkar li anki jekk iż-żwieġ ċivili bejn Anne Marie Gauci u Kenneth Gauci għadu ma ġiex annullat, u anki jekk is-sentenza tat-Tribunal Metropolitan ma ġietx reġistrata b'tant illi allura dak l-annullament m'għandu ebda effett ċivili, jibqa' l-fatt illi hemm diversi sanzjonijiet li jistgħu isibu applikazzjoni fil-konfront ta' min mill-miżżewġin ikun jaħti għat-tkissir taż-żwieġ. Naturalment dan mhuwiex il-forum idoneu biex jissindika l-mertu tas-separazzjoni. Lanqas ma jinċidi fuq dawn il-proċeduri l-mertu tas-separazzjoni.

ii. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Appell diġa ppronunzjat ruħha fuq id-dritt li l-attur jippretendi li għandu. Is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Apell hija ċara għall-aħħar: l-attur ma jgawdi ebda jedd *qua* eredi sabiex jitlob ir-reġistrazzjoni tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan.

Il-Qorti tfakkar illi din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti tat-tielet grad u għalhekk ċertament illi mhijiex sejra tissindika d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Appell.

iii. Fit-tielet lok, l-Artikolu 20 jitkellem dwar sanzjonijiet f'kuntest fejn parti tiżżewweġ *in mala fede*. F'dan il-każ jidher ċar illi r-raġuni għall-annullament taż-żwieġ hija dovuta għall-fatt illi l-kunsens ta' Kenneth Gauci għaż-żwieġ kien vizzjat b'difett ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju u inabilità illi jassumi l-obbligi essenzjali taż-żwieġ. Dan jikkuntrasta mal-argument tal-attur li għandhom japplikaw is-sanzjonijiet ravviżati taħt l-Artikolu 20 tal-Kap 255. Jingħad dan għaliex ġa la darba r-raġuni għall-annullament hija dovuta għal difett fil-ġudizzju li allura jirrendi lill-parti inkapaċi milli tifhem sewwa sew x'inhuma l-obbligi tagħha fiż-żwieġ u li tgħix il-ħajja matrimonjali fil-milja kollha tagħha, żgur illi ma jistax allura jingħad illi l-konvenut kien *in mala fede* għaliex il-punt kardinali tal-*mala fede* jibqa dak t'intenzjoni ħażina mmirata li tqarraq u tinganna lil ħaddieħor.

B'applikazzjoni tal-prinċipji ta' dritt fuq enunzjati speċjalment in kwantu jingħad illi l-Artikolu 6 jeħtieġ li jkun hemm dritt rikonoxxut, il-Qorti tgħid illi l-attur odjern ma jgawdi ebda jedd kif jippretendi u għalhekk m'għandu ebda bażi sabiex jinvoka ksur tad-dritt tiegħu taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. La darba ma jeżisti ebda dritt kif jippretendi l-attur żgur illi ma jistax jingħad illi seħħ xi ksur.

Tqis għalhekk illi l-ewwel talba kif dedotta mhijiex mistħoqqa.

**L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**

L-ilment tal-attur f'dan ir-rigward huwa li n-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-annullament sejjer ikollu mpatt fuq l-interessi patrimonjali tiegħu. Fi ftit kliem, li kieku kellu jiġi reġistrat l-annullament u li kieku fuq talba tal-attur *qua* werriet, il-Qorti kellha tilqa' t-talba u timponi fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet maħsuba taħt l-Artikolu 20 tal-Kap. 255, il-porzjon spettanti lill-konvenut tkun anqas minn dik li talvolta jieħu l-attur. Għalhekk, l-argument ċentrali tal-attur huwa illi jekk ma jiġix reġistrat l-annullament u ma jiġux applikati l-imsemmija sanzjonijiet, l-attur sejjer jieħu sehem anqas minn dak illi jippretendi li għandu jieħu meta tiġi dikjarata s-separazzjoni legali u ssir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti.

L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar teħid forżuż tal-proprjetà. Il-Qorti ssib illi dan l-Artikolu ma jistax isib applikazzjoni għall-każ tal-lum ġa la darba ma jirriżultax illi l-attur ġarrab teħid forzuż ta' proprjetà li hija tiegħu.

In kwantu si tratta dwar l-ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni, id-disposizzjoni taqra hekk:

> *Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*

Din id-disposizzjoni hija mibnija fuq tlett prinċipji:

i. Għandu jkun hemm it-tgawdija paċifika tal-proprjetà;

ii. Il-privazzjoni minn possedimenti hija soġġetta għall-kondizzjonijiet; u

iii. L-Istat għandu l-jedd illi jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali.

Dawn it-tlett prinċipji, għalkemm distinti, huma relatati, peress illi l-aħħar tnejn jittrattaw sitwazzjonijiet partikolari ta' indħil fid-dritt għall-godiment paċifiku tal-proprjetà u għalhekk iridu jinftehmu fid-dawl tal-prinċipju ġenerali espost fl-ewwel principju.

Dwar il-kunċett tal-possidementi, fil-Guide on Article 1 of Protocol No. 1 – Protection of Property[8], jingħad illi dan il-kunċett "*is an autonomous one, covering both "existing possessions" and assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he or she has at least a "legitimate expectation". "Possessions" include rights "in rem" and "in personam". The term encompasses immovable and movable property and other proprietary interests*."

Il-kunċett ta' aspettattiva leġittima ġie studjat u applikat diversi drabi mill-Qorti ta' Strassburgu. Il-Qorti terġa tagħmel referenza għal dak illi jingħad fil-Guide on Article 1 of Protocol No. 1 – Protection of Property (op.cit.):

"*19. The concept of "legitimate expectation" in the context of Article 1 of Protocol No. 1 was first developed by the Court in Pine Valley Developments Ltd and Others v. Ireland, § 51.*

[8] European Court of Human Rights, pubblikazzjoni kif emedata fil-31 t'Awwissu 2022

*In that case, the Court found that a "legitimate expectation" arose when outline planning permission had been granted, in reliance on which the applicant companies had purchased land with a view to its development. The planning permission, which could not be revoked by the planning authority, was "a component part of the applicant companies' property" (ibid., § 51; Stretch v. the United Kingdom, § 35, in respect of exercising the option to renew a long-term lease; and Ceni v. Italy, § 43, in respect of a signed preliminary contract for the purchase of an apartment, the full price paid and the applicant's taking possession of the apartment). In this category of cases, the "legitimate expectation" is thus based on a reasonably justified reliance on a legal act which has a sound legal basis and which bears on property rights (Kopecký v. Slovakia [GC], § 47).*

*20. Another aspect of the notion of "legitimate expectation" is illustrated in Pressos Compania Naviera S.A. and Others v. Belgium, § 31. On the basis of a series of decisions of the Court of Cassation, the Court held that the applicants could argue that they had a "legitimate expectation" that their claims deriving from shipping accidents would be determined in accordance with the general law of tort, according to which such claims came into existence as soon as the damage occurred. The "legitimate expectation" here identified was not in itself constitutive of a proprietary interest; it related to the way in which the claim qualifying as an "asset" would be treated under domestic law (Draon v. France [GC], § 70; Maurice v. France [GC], §§ 67-69; see also N.M. and Others v. France, §§ 49-50). Similarly, in Uzan and Others v. Turkey, § 193, the Court found that the minor applicants had a legitimate expectation falling within the concept of "possession", the domestic court having had acknowledged their capacity to acquire certain rights by inheritance and donation. Furthermore, even though in the case of Aliyeva and Others v. Azerbaijan, §§ 109-111, the Supreme Court had departed from its findings in similar cases of expropriation for State needs, the Court held that the applicants´ claim that they were entitled to statutory additional compensation had been sufficiently established by*

*a clearly identifiable line of Supreme Court case-law. Thus, despite the existing contradictions in the domestic courts' approach, the applicants´ claim amounted to a "legitimate expectation" sufficiently established in domestic law as to constitute a "possession" (contrast ibid., §§ 118-120).*

*21. On the contrary, no legitimate expectation can be said to arise where there is a dispute as to the correct interpretation and application of domestic law and the applicant's submissions are subsequently rejected by the national courts (Anheuser-Busch Inc. v. Portugal [GC], § 65; Centro Europa 7 S.R.L. and di Stefano v. Italy [GC], § 173; Béláné Nagy v. Hungary [GC], § 75; Karachalios v. Greece (dec.), § 46; Radomilja and Others v. Croatia [GC], § 149). Neither do subsequent legislative amendments of the relevant provision demonstrate, in and of themselves, that the previous legal regulation had been flawed (Galakvoščius v. Lithuania (dec.), §§ 42 and 59-60). That case concerned the authorities' refusal to refund the applicant the deposit which he had paid in order to stand as a candidate in municipal elections.*

*22. No legitimate expectation arises in a situation where the applicant relies on the mere fact that members of the respondent Government made political statements favourable to the applicant's restitution claims (Bata v. Czech Republic (dec.), § 77), or on a programmatic statement in a statute, referring to a future statute which ultimately was not adopted (Zamoyski-Brisson v. Poland (dec.), § 78) or in relation to the applicants' claim for financial aid, as the relevant national law clearly made the "right" to obtain financial aid conditional on the availability of sufficient emergency funds, without providing for any rules on the amounts to be granted and the distribution of the emergency fund's limited financial resources (Traina Berto and Alfonsetti v. Italy (dec.), §§ 45-46).*

*23. In applications concerning claims other than those relating to existing "possessions", the requirement that the circumstances of the case, considered as a whole, conferred on the applicant title to a substantive interest has been*

*examined in different ways in the Court's case-law (Béláné Nagy v. Hungary [GC], § 76). By way of example, in a number of cases the Court examined, respectively, whether the applicants had "a claim which was sufficiently established to be enforceable" (Gratzinger and Gratzingerova v. the Czech Republic (dec.) [GC], § 74); whether they demonstrated the existence of "an assertable right under domestic law to a welfare benefit" (Stec and Others v. the United Kingdom (dec.) [GC], § 51); or whether the persons concerned satisfied the "legal conditions laid down in domestic law for the grant of any particular form of benefits" (Richardson v. the United Kingdom (dec.), § 17).*

*24. The Court's case-law does not contemplate the existence of a "genuine dispute" or an "arguable claim" as a criterion for determining whether there is a "legitimate expectation" protected by Article 1 of Protocol No. 1, unlike in the context of determining the applicability of Article 6 of the Convention under its civil limb to the proceedings in a case (Kopecký v. Slovakia [GC], §§ 50 and 52; (Draon v. France [GC], § 68). There is therefore no necessary interrelation between the existence of claims covered by the notion of "possessions" within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1 and the applicability of Article 6 § 1 to the proceedings complained of. The fact that the applicants did not have a legitimate expectation to have their property restored to them under the substantive provisions of domestic law was sufficient to exclude the application of Article 1 of Protocol No. 1 of the Convention to the circumstances of the case. At the same time, it did not suffice to exclude a conclusion that, once a genuine and serious dispute concerning the existence of property rights arises, the guarantees of Article 6 § 1 become applicable (Kopecký v. Slovakia [GC], § 52; J.S. and A.S. v. Poland, § 51). 25. In sum, notwithstanding the diversity of the expressions in the case-law referring to the requirement of a domestic legal basis generating a proprietary interest, their general tenor can be summarised as follows: for the recognition of a "possession" consisting in a "legitimate expectation", the applicant must have an assertable right which, applying the principle enounced in paragraph 52 of*

*Kopecký v. Slovakia [GC] (see the following chapter on Claims and judgment debts) may not fall short of a sufficiently established, substantive proprietary interest under the national law (Béláné Nagy v. Hungary [GC], § 79)."*

Applikati dawn l-insenjament għall-każ in diżamina, il-Qorti tirribadixxi dak li diġà ingħad aktar 'il fuq fil-kuntest tal-kunsiderazzjonijiet li saru għar-rigward l-Artikolu 6. L-attur m'għandu ebda possediment xi jħares aktar u aktar meta wieħed iqis illi s-separazzjoni legali għadha lanqas biss ġiet pronunzjata u għalhekk l-attur ma jistax jgħid illi ġie mċaħħad minn xi proprjetà. In ogni każ, kif diġà ingħad l-Artikolu 20 tal-Att taż-Żwieġ li fuqu l-attur jibbaża l-argumenti kollha tiegħu, ma jistax japplika għall-każ ta' llum *peress* illi r-raġuni li wasslet għall-annullament taż-żwieġ kattoliku ma għandha x'taqsam xejn maż-żwieġ putattiv u l-*mala fede* li titkellem dwarhom l-imsemmija disposizzjoni.

Għalhekk, anki t-tieni talba sejra tiġi miċħuda.

Peress illi l-bqija tat-talbiet huma konsegwenzjali għal dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-attur, u peress illi l-Qorti mhijiex issib li seħħet il-leżjoni lamentata mill-attur, ma hemmx lok u lanqas skop illi l-Qorti tittratta l-bqija tat-talbiet.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni eċċezzjoni sollevati mill-konvenut Kenneth Gauci għar-raġunijiet li qegħda tqis dawn l-eċċezzjonijiet bħala rinunzjati.

2. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu kif sollevati mill-konvenut Gauci.

3. Tilqa' wkoll l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut Avukat tal-Istat.

4. Tiċħad l-ewwel u t-tieni talba kif dedotti u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet.

5. Tordna lir-rikorrenti jħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża.

IMHALLEF

DEP/REG